31991D0598

23.11.1991 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 321/24

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**
**tat-18 ta' Novembru 1991**
**rigward il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta'l-Elbe**

(91/598/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 130 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta'l-Istati Membri mlaqqgħa fil-Kunsill fis-19 ta' Ottubru 1987 dwar il-kontinwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politka u programm ta' azzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-ambjent (1987 - 1992) ([4]), u r-raba' programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent, mehmuża ma' din ir-Riżoluzzjoni, minn issa 'l quddiem imsejjaħ'Ir-Raba' "Programm ta' Azzjoni"'.

Billi r-Raba' Programm ta' Azzjoni, b'konatinwazzjoni mal-Programmi ta' Azzjoni preċedenti, jelenka fost l-oqsma prinċipali ta'attivitá, il-monitoraġġ u l-kontroll bl-iskop li tiġi mtejba l-kwalitá ta'l-ilma u biex jitnaqqas it-tniġġis;

Billi r-Raba' Programm ta' Azzjoni jistenna parteċipazzjoni attiva mill-Komunità u mill-Istati Membri tagħha fl-azzjoni internazzjonali għall-ħarsien ta'l-ambjent u jagħti, fl-istruttura tiegħu, importanza partikolari għal tishib bilaterali ma' pajjiżi terzi;

Billi l-Konvenzjoni dwar il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta'l-Elbe, iffirmata f'Magdeburg fit-8 ta' Novembru 1990, tipprovdi b'mod partikolari għat-twaqqif ta' kummissjoni internazzjonali biex tevita t-tniġġis ta'l-Elbe u ż-żona li tiskula fiha, safejn kopert b'din il-Konvenzjoni;

Billi l-leġisazzjoni Komunitarja eżistenti dwar it-tniġġis ta'l-ilma bħalissa tapplika għall-Elbe u għat-tributarji tagħha fejn dawn jgħaddu minnn ġot-terrritorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja;

Billi jidher li huwa meħtieġ li l-Komunità tapprova l-Konvenzjoni biex tilħaq wieħed mill-għanijiet tal-Komunità rigward il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalitá ta'l-ambjent, kif previst fl-Att Uniku Ewropew;

Billi l-imsemmija Konvenzjoni ġiet iffirmata għan-nom tal-Komunità fit-8 ta' Ottubru 1990,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni fuq il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta'l-Elbe qiegħda b'dan tiġi approvata għan-nom tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tal-Konvenzjoni qiegħed jiġi hawn mehmuż.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill sejjer, għan-nom tal-Komunità Ekonomika Ewropea, jinforma lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-kompetenza tiegħu ta' Stat depożitarju, li l-prekondizzjonijiet għad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni twettqu safejn il-Komunità hija konċernata, b'konformità ma' l-ewwel subparagrafu ta'l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Diċembru 1985.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. E. ANDRIESSEN

([1]) ĠU C 93, tal-11.4.1991, p. 10.
([2]) ĠU C 158, tas-17.6.1991, p. 291.
([3]) ĠU C 191, tat-22.7.1991, p. 21.
([4]) ĠU C 328, tas-7.12.1987, p. 1.